MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-7 ta' April, 2003

Numru 301/2003

**Il-Pulizija**

**vs**

**Kamel El Sayed Mohamed El Katatny**

**Seduta tal-lum 07 t'April, 2003.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Kamel El-Sayed Mohamed El-Katatny ta' 35 sena, iben El-Sayed, imwieled l-Egittu, fit-12 ta' Jannar, 1968, resident 'Rosanna', Triq Clarence, Msida, li ghandu passaport Egizzjana numru 407716, talli fis-06 t'April, 2003, ghall-habta tal-5.00p.m. gewwa l-Ghassa ta' l-Imsida, idenunzja lill-Pulizija

Ezekuttiva reat ta’ offizi ta’ natura bi strument bil-ponta u li jaqta’ kontra El-Sayed Abd Salam El-Sisy, meta kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

U aktar talli fl-istess jum, hin u cirkostanzi gewwa l-Imsida, fil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu kien hemm kien hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza kienu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra El-Sayed Abd Salem El-Sisy, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali tas-7 t’April, 2003 sabiex din il-kaz ikun trattat u deciz bi procedura sommarja

Rat illi l-imputat irregsitra n-nuqqas ta’ oggezzjoni tieghu sabiex il-kaz ikun trattat u deciz bl-istess procedura.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat

Fuq ammissjoni ssibu hati.

Rat l-art 11a tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali netta ta’ l-imputat.

Stante li l-piena karcerarja mhix idonea f’dan il-kaz, tilliberrah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sitt (6) xhur mil-lum skond l-art 22 tal-Kap 446

Il-Qorti spjegat l-obbligi ta’ l-imputat imposti fuqu b’din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------